# L-Innu lill-Madonna tal-Ġebla




Astratt: Il-Gżirjani żgur li jafu bil-ġrajja mirakoluża tal-Madonna tal-Ġebla. Iżda forsi mhux kulħadd jaf eżatt kif twieled dal-innu f'ġieħha u min hu l-awtur u l-kompożitur li mmużikah. Għaldaqstant, permezz ta' dal-artiklu ser neħodkom lura fl-istorja fis-snin ħamsinijiet tas-seklu li għadu kif għadda u ser inlaqqgħakom ma' Dun Anton Xiberras, qassis poeta Naxxari u Dun Dward Corrado, organista. Għall-ewwel darba qed jidher xi tagħrif siewi dwar dal-Innu li ksibt mir-rivista 'Id-Djarju tan-Naxxar'. Hawn Ħajr lil Dun Karm Tanti (kappillan), Mro. George Debono (surmast), u Paul Catania (Arkivju Parroċċa Naxxar) tal-għajnuna li tawni biex stajt ninseġ dal-artiklu. Nirringrazzja wkoll lil Carmel Portelli u minn hawn nixtieq insellem il-memorja tiegħu.

Kliem muftieħ: Gżira, Innu, Madonna tal-Ġebla, Dun Edward Corrado, Dun Anton Xiberras, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda Mużikali 'Mount Carmel (Gżira).



Dun Anton Xiberras (1922-2006), il-qassis poeta Naxxari

Dun Anton Xiberras (1922-2006) hu l-awtur ta' bosta kitbiet fl-ilsien Malti. Waqqaf il-fergħa Naxxarija tax-'Xirka tal-Malti għat-Tfal' (1943) u l-'Għaqda Artistika Naxxarija' (1948). Din tal-aħħar kellha twaqqaf ħidmietha f'qasir il-għomor wara li ntbagħat fil-parroċċa Ġiljaniża fejn ltaqa' u sar jaf lil Dun Pawl Galea. Fl-1946 ta' bidu għar-rivista Naxxarija 'Id-Djarju tan-Naxxar'. Kien iqis lilu nnifsu bħala poeta li b'kitbietu għamel ġieħ lir-raħal twelidu. Ġabar għadd imdaqqas ta' kitbiet mxerrdin ta' pinen Naxxarin u ħeġġeġ żgħażagħ oħrajn biex jiktbu. Ħafna kienu dawk li tħajru u baqgħu jiktbu. Rebbieħ t'għadd ta' premijiet għal poeżiji bil-Malti f'konkorsi differenti.

F'wieħed mid-djarji nsibu li kien Dun Pawl Galea stess li talab lill-poeta 'biex jagħmillu tliet strofi bħala Innu lill-Madonna tal-Ġebla.' Dun Anton ġa kien kitiblu sunett fl-okkażjoni tal-Pussess tiegħu fl-1951. Fl-artiklu tiegħu 'Innu ta' Naxxari ġdid Mużikat' isemmi wkoll li għamel użu mill-vers tal-għaxra minħabba l-mużika. Ma naqasx ukoll li fl-artiklu jikkwota r-ritornell li fih insibu l-qofol tal-ġrajja kollha: *Jekk barrani kasbar ġieħek; / Meta ġebla tefa' għalik; / Aħna biss vleġeġ ta' mħabba , / Għandna jtiru għal ġo fik.*

Kien Dun Dward Corrado li ndaħal biex jimmużika l-Innu. Kien għalliem tal-Kant Gregorjan fis-Seminarju u Assistent Surmast tal-*Cappella* Konkatidrali. Kien ukoll l-Ass. Ekkleż. tal-Aspiranti u l-Ġuvintur tal-A.K. u spiss kien jiġborhom f'kamra għand il-Kappillan biex isemmgħalhom xi diski u jakkumpanjahom fil-kant fuq l-orgni. Ikkompona diversi innijiet, fosthom dal-Innu.

Dun Anton kien kuntent bil-mużika tal-innu għax fi kliemu stess, 'il-mużika irnexxiet mhux ftit.' Jgħidilna wkoll li, 'l-istrofa prinċipali timxi devota, imma r-ritornell jimxi qawwi u fl-istess *ħin* devot.' L-Innu 'tkanta l-ewwel darba fil-pubbliku fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, fil-Festa tat-Titular tal-Gżira Tal-Karmnu, nhar it-8 ta' Lulju, 1951, mal-banda karmelitana taż-Żurrieq.' Jinfurmana wkoll li, 'il-mużiku u l-poeta kienu preżenti u kantaw mal-kor tat-tfal.' Kif kien mistenni, l-Innu intlaqa' tajjeb tant li, 'minn idejn in-nies ħarġet ċapċipa kbira'.



L-inkwatru bix-xbieha tal-Madonna bil-ġebla taħtu

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)